*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni nnotifikata mis-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni fl-ittra SG-Greffe (2015) D/11533, tat-12 ta' Ottubru 2015 ([1]).

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-Repubblika Portugiża ssostni li t-talba għal ħlas trażmessa mis-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea fl-ittra SG-Greffe (2015) D/11533, tat-12 ta' Ottubru 2015, hija vvizzjata kif ġej u, konsegwentement, għandha tiġi annullata:

1. Il-ġustifikazzjoni għall-adozzjoni tal-att ikkontestat tibbaża ruħha fuq tneħħija tas-setgħat tal-isfera ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea mill-Kummissjoni, liema fatt jikkostitwixxi vizzju ta' inkompetenza.

2. L-att huwa bbażat fuq tqassim artifiċjali tal-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fil-Kawża Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-76/13, EU:C:2014:2029) fejn għaldaqstant huwa vvizzjat bi ksur tat-Trattati jew ta' kwalunkwe regola ġuridika oħra relatata mal-applikazzjoni tiegħu.

3. L-att tal-Kummissjoni suġġett ta' dan ir-rikors għal annullament imur kontra l-awtorità ta' *res judicata*, fejn, għal darb'oħra, huwa vvizzjat bi ksur tat-Trattati jew ta' kwalunkwe regola ġuridika oħra relatata mal-applikazzjoni tiegħu.

4. L-att huwa vvizzjat bl-istess illegalità billi ma josservax il-prinċipji ta' ċertezza legali, ta' stabilità tar-relazzjonijiet ġuridiċi u ta' aspettattivi leġittimi, irrikonoxxuti mid-dritt tal-Unjoni.

5. L-att imur kontra l-prinċipju ta' projbizzjoni tas-sanzjoni doppja li jipprekludi l-kisba, permezz ta' att ġuridiku individwali ġdid, ta' dak li ma nkisibx preċedentement permezz tad-deċiżjoni ġudizzjarja, liema fatt jirriżulta fi ksur tat-Trattati jew ta' kwalunkwe regola ġuridika oħra relatata mal-applikazzjoni tiegħu.

([1]) Deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tan-Netwerks ta' Komunikazzjonijiet, tal-Kontenut u tat-Teknoloġiji (DG CONNECT) li tirrikjedi lir-Repubblika Portugiża l-ħlas tal-ammont ta' EUR 580 000 bħala pagament ta' penalità għall-perijodu inkluż bejn il-25 ta' Ġunju u l-21 ta' Awwissu 2014 deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-76/13, EU:C:2014:2029).

---

**Appell ippreżentat fis-17 ta' Diċembru 2015 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fis-6 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża F-119/14, FE vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-734/15 P)**

(2016/C 068/46)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: F. Simonetti u G. Gattinara, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedura:* FE (Lussemburgu, il-Lussemburgu)

**Talbiet tal-appellanti**

— Tannulla s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-6 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża F-119/14, FE vs Il-Kummissjoni;

— tiċħad ir-rikors ippreżentat minn FE fil-Kawża F-119/14 bħala infondat;

— tiddiċiedi li kull waħda mill-partijiet għandha tbati l-ispejjeż tagħha relatati ma' din l-istanza;

— tikkundanna lil FE għall-ispejjeż fl-istanza mressqa quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka tliet aggravji.

1. L-ewwel aggravju bbażat fuq diversi żbalji ta' liġi mwettqa mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (TSP) u fuq żnaturament tal-atti tal-proċess fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni mill-Bord tal-Għażla tal-kundizzjoni ta' ammissjoni li tikkonċerna l-esperjenza professjonali minima.

2. It-tieni aggravju bbażat fuq żball ta' liġi fil-konklużjoni tat-TSP li tipprovdi li l-Awtorità tal-Ħatra wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni.

3. It-tielet aggravju bbażat fuq żball ta' liġi u fuq diversi ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni mwettqa mit-TSP fil-kundanna tal-Kummissjoni li tħallas EUR 10 000 lir-rikorrenti fl-ewwel istanzi.

---

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2015 – The Art Company B & S vs UASI – Manifatture Daddato u Laurora (SHOP ART)**

**(Kawża T-735/15)**

(2016/C 068/47)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* The Art Company B & S, SA (Quel, Spanja) (rappreżentanti: L. Sánchez Calderón u J. Villamor Muguerza, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Partijiet oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Manifatture Daddato SpA (Barletta, l-Italja), Sabina Laurora (Trani, l-Italja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant għat-trade mark ikkontestata:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "SHOP ART" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 030 921

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-8 ta' Ottubru 2015 fil-Każ R 3050/2014-1

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---